MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 134/2014

Kawza fil-lista: 19

**A B**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku;**

**C D;**

**L-Avukat Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil**

**li b'digriet tad-29 ta' Settembru 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati**

**sabiex jirraprezentaw lil E F;**

**L-Avukat Anthony Stellini u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello**

**li b'digriet tad-29 ta' Settembru 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati**

**sabiex jirraprezentaw lil GF**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. "Illi r-rikorrenti huwa ta' nazzjonalita' Sirjana izda ilu diversi snin jirrisjedi hawn Malta u matul dan il-perjodu hawn Malta huwa kellu relazzjoni ma' C D;

2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldu l-minuri Fatima, Yasmeen u Aimen E;

3. Illi kif jidher mic-certifikat il-konvenut E F huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifla minuri Gli twieldet nhar is-26 ta' April 2001;

4. Illi kif jidher mill-istess certifikat omm il-minuri sseparat legalment minn ma' zewgha E F permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 18 ta' Lulju 2000 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono;

5. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali tal-minuri mhux il-konvenut E F izda r-rikorrenti A B;

6. Illi l-konvenuta omm il-minuri C D qatt ma cahdet illi r-rikorrenti huwa l-missier naturali tal-minuri GF;

7. Illi r-rikorrenti ghandu nteress illi tigi dikjarata l-paternita' reali tal-minuri Fatima;

8. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi stabbilita l-paternita' reali tal-minuri;

9. Illi llum il-gurnata r-relazzjoni bejn r-rikorrenti u omm il-minuri C D ntemmet u ghal dawn l-ahhar sentejn r-rikorrenti gie fdat bil-kura u kustodja effettiva tat-tlett uliedu minuri Fatima, Yasmeen u E u dan kif jidher mir-rapport tal-pulizija;

10. Illi kontestwalment mall-kawza odjerna, r-rikorrenti inizzja proceduri legali sabiex jigi fdat bil-kura u kustodja legali tal-minuri wliedu;

11. Illi l-paternita’ tal-minuri Gtista’ tigi determinata u ppruvata permezz ta’ provi genetici;

Ghaldaqstant, jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara okkorrendo bl-opera ta’ esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, illi l-missier naturali tal-minuri GF huwa l-attur u mhux il-konvenut E F u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 1822 tas-sena 2001 tal-imsemmija minuri Gbilli jigu kkancellati, minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tal-konvenut E F, u l-istess jigu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali, u senjatament bid-dettalji ta’ l-attur A B mwieled Tadmor Syria;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”[1]

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha s-sottometta s-segwenti:-

1. “Illi preliminarjament huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li l-minuri ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi dejjem in vena preliminari, l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri GF, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u gnalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 1

3. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal-premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri GF ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 1822 tas-sena 2001;

4. Illi dejjem bla hsara gnal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jistieden lill-istess A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta tieghu meta twieled il-minuri GF, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il- post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieidet it-tifla GF. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat- Twelid tal-fuq riferita GF;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri GF a tenur tal- Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Ii qeghdin jigu ingunti in subizzjoni."[2]

Rat ir-risposta tal-konvenuta C D li taqra bil-mod segwenti:-

1. "Illi l-intimata m'hijiex qieghda tikkontesta t-talba attur;

2. Illi l-intimata ma ssib l-ebda oggezzjoni sabiex issir il-korrezzjoni tac-Certifikat tat-Twelid tal-Minuri GF (Att Numru 1822 ta' 1-2001) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri GF, tissostitwixxi l-isem ta' E F bl-isem 'A B' u sabiex jigu inseriti 1-konnotati tar-rikorrenti.

3. Illi hija ma ghandix tbati l-ispejjes stante li hija dejjem riedet li r-rikorrenti jitnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid hekk kif appena twieldet il-minuri u li dan in-nuqqas ma huwiex imputabbli lilha kif ser jirrizulta waqt l-andament kawza."[3]

---
[2] Fol. 18

Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr Marisa Cassar li jiccertifika li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri GF.[4]

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni**.

**Ligi**.

Il-provvedimentl legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna huwa

**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16** :

*"kull min jghid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista jmexxi b'rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista; wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel."*

**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16**:-

*"F'kazijiet ta' dikjarazzjoni ta' paternita' il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipproocedu b'kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

---

[3] Fol. 21
[4] Fol. 60

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B"*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Ghalkemm il-konvenuta C D iddikjarat fir-risposta guramentata taghha li hija taqbel li l-attur huwa missier il-minuri, huwa mehtieg f'kazijiet kongruwi li tingieb l-ahjar prova permezz tat-test xjentifiku imsejjah it-test tad-DNA.

Skond DNA Paternity Test Report redatt minn Dr Marisa Cassar gie certifikat illi l-attur huwa effettivament il-missier naturali tal-minuri GF.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur u mir-risposta guramentata tal-konvenuti l-ohra, tilqa' t-talbiet attrici:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur A B u mhux il-konvenut E F huwa l-missier naturali tal-minuri Fatima.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex (i) jikkancella mill-Att tat-Twelid tal-imsemmija Gisem il-konvenut E F u l-konnotati kollha tieghu, (ii) jigu kancellati l-kliem "the said" li jinstabu fil-konnotati tal-omm, u (iii) bhala missier it-tarbija jitnizzel isem l-attur A B u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw min-nota li tinstab a fol. 65 tal-process.

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-konvenuta C D *in solidum* bejniethom.

**Imhallef**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------